



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 13.7.2011
SEG(2011) 884 finali

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-
KUNSILL**

dwar Politika tas-Suq għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura

{KUMM(2011) 416 finali}
{SEG(2011) 883 finali}

SOMMARJU EŻEKUTTIV

L-UE hija l-ewwel suq fid-dinja għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura - suq b'valur ta' EUR 55 biljun (jew 12-il miljun tunnellata). Bħala medja, iċ-ċittadini tal-UE jieklu 22 kg ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura fis-sena, li jagħmlu 15 % tat-teħid ta' proteini tagħhom. Ix-xejriet ta' konsum ivarjaw ħafna bejn l-Istati Membri, b'firxa li tibda minn bilkemm 10 kg f'xi pajjiżi (l-aktar il-pajjiżi tal-Lvant) għal aktar minn 30 kg f'oħrajn. Madankollu, il-pajjiżi kollha tal-UE qed jirreġistraw żieda fil-konsum. Peress li l-produzzjoni tal-UE naqqset matul l-aħħar għaxar snin, il-proporzjon tal-UE ta' awtosuffiċjenza ukoll naqas drastikament: minn 57 % għal 35 %.

L-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq (OKS) għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura ilha fis-seħħ mill-1970. Hija waħda mill-pilastri tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS). Il-bażi legali attwali tagħha hija r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000, adottat fl-1999. Ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd, li għaddejja bħalissa, tipprovdi opportunità mill-aqwa għall-analiżi u possibbilment ir-reviżjoni tal-għanijiet u l-istrumenti tal-Politika tas-Suq għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

Il-Problemi

Il-Kummissjoni ilha mill-2008 twettaq evalwazzjonijiet u konsultazzjonijiet estensivi, bl-intenzjoni doppja li tivvaluta l-prestazzjoni tal-qafas legali attwali u li titkixxef dwar ix-xejriet tas-suq tal-UE fl-aħħar għaxar snin minn naħa waħda, u tisma' l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati min-naħa l-oħra. Dan ir-rapport jippreżenta u janalizza ħames oqsma problematiċi ewlenin li nstabu, li jistgħu jitqassru kif ġej.

- il-politika tas-suq tagħna ma kkontribwixxietx suffiċjentement lejn il-produzzjoni sostenibbli;
- il-pożizzjoni tas-suq tal-produzzjoni tal-UE marret għall-agħar;
- aħna ma konniex kapaċi nbassru jew nimmaniġġaw iċ-ċaqliq fis-suq;
- il-potenzjal tas-suq tagħna huwa fil-biċċa l-kbira mhux sfruttat;
- l-implimentazzjoni ta' politika tas-suq qed tinżamm lura minn qafas ikkumplikat u kumpless iżżejjed.

Sa dan il-jum, bosta sajd tal-UE mhux qed jiġi sfruttat b' mod sostenibbli. Il-primjums tas-suq għal prassi sostenibbli huma negliġibbli, filwaqt li ma hemm ebda sanzjoni tas-suq għal prassi mhux sostenibbli jew li huma potenzjalment mhux sostenibbli. Il-politika tas-suq tagħna ma rnexxilhiex tikseb aktar valur mill-istaġnar jew it-tnaqqis fil-volumi tal-produzzjoni, u lanqas ma ħeġġet prassi tajba.

Il-provvista tal-UE hija kemm diversa kif ukoll frammentata. Fid-dawl ta' produzzjoni li qegħda dejjem tonqos u ta' suq dejjem aktar globalizzat, hemm nuqqas ta' kompetittività u nuqqas ippruvat ta' kapaċità ta' tbassir u ġestjoni taċ-ċaqliq fis-suq jew ta' adattament għad-domanda f'termini ta' prevedibbiltà tal-volumi jew il-kwalità u l-preżentazzjoni tal-merkanzija.

Barra dawn il-ħames problemi ewlenin imsemmija, hemm ukoll sett sekondarju ta' problemi sottostanti oħra.

L-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi (OP) tas-sajd u l-akkwakultura, li jistgħu jaqdu rwol vitali fl-implimentazzjoni tal-PKS ordinarja ta' kuljum (sakemm il-missjoni, ir-riżorsi kif ukoll id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom ikunu sintonizzati b'mod korrett) ġeneralment ibatu minn nuqqas tar-riżorsi u tal-inċentivi li huma meħtieġa biex jorganizzaw il-produzzjoni b'mod effiċjenti u jimmaniġġjaw l-attivitajiet tas-sajd, ipoġġu l-produzzjoni fis-suq eċċ. Barra minn hekk, jekk il-biċċa l-kbira tal-industrija tas-sajd hija frammentata, il-proċessuri u d-distributuri għandhom it-tendenza li jkunu konċentrati, partikolarment fin-naħa tal-bejgħ lill-konsumatur. Bl-iżvilupp u l-inkoraġġiment tal-konċentrazzjoni fuq in-naħa tal-provvista, x'aktarx li l-pożizzjoni ekonomika tas-sajjieda tal-UE tittejjeb. Organizzazzjoni aħjar tal-produzzjoni tidher li hija prerekwiżit għal koordinazzjoni mħaddma tajjeb tal-elementi kollha tul il-katina tal-kummerċjalizzazzjoni.

L-informazzjoni dwar id-domanda fis-suq, il-preferenzi tal-konsumatur, ix-xejriet, u l-formazzjoni tal-prezzijiet mhijiex disponibbli lill-partijiet kollha. Madankollu, permezz ta' fehim aħjar tad-dimensjoni tas-suq tal-attività tagħhom, il-produtturi tal-UE jkunu f'qagħda aħjar biex jidderieġu lis-sajjieda lejn produzzjoni li jkollha aktar ċans li tinbiegħ bi prezz raġonevoli (ir-regola tad-deheb hawnhekk hija li l-ħut li probabbli ma jinbiegħx għandu jibqa' fl-ilma). Dan ifisser ippjanar aħjar tal-provvisti u l-bejgħ – fi kliem ieħor it-teħid ta' deċiżjoni b'mod attiv dwar x'tip ta' prodott huwa għall-bejgħ u fejn u meta għandu jinbiegħ.

Dawk li jfasslu l-politika jeħtieġu wkoll informazzjoni ta' sfond – kif ukoll twissija bikrija dwar kriżijiet possibbli tas-suq – għat-tfassil tal-politika.

Fis-sitwazzjoni attwali ta' stokkijiet sfruttati żżejjed, l-infiq ta' flus pubbliċi biex jinqered il-ħut m'għadux ġustifikabbli; 'l hekk imsejjaħ "irtirar" ta' prodotti tas-sajd mis-suq għandu jkun abolit. L-effett ta' mekkaniżmi ta' intervent fuq l-istabbiltà tas-suq xorta kien dgħajfef, u limitat biss għal ftit portijiet u xi speċijiet pelaġiċi żgħar.

Dan huwa minħabba l-fatt li l-interventi fis-suq jistgħu jgħinu s-sintomi ta' waqgħa f'daqqa tal-prezzijiet, iżda qatt ma jattakkaw il-kawża tal-problema. Madankollu, bla dubju, is-sajd jibqa' attività ekonomikament inċerta u riskjuża; l-aġġustament taż-żmien u tal-kwantità tal-qabdiet skont il-bżonnijiet speċifiċi tas-suq fi kwalunkwe mument partikolari dejjem se jkun ta' sfida. Kwalunkwe politika sensibbli tas-suq trid taħseb għal din il-problema intrinsika u tal-anqas tikkontrolla r-riskji inerenti għas-sajjieda.

L-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-UE, li jistabbilixxu karatteristiċi standardizzati kummerċjali, huma importanti għat-tħaddim tajjeb tas-suq intern tal-ħut tal-UE. Kemm l-evalwazzjoni mwettqa kif ukoll dan ir-rapport janalizzaw sa fejn l-istandards komuni tal-kummerċjalizzazzjoni attwali għandhom jiġu riveduti.

L-informazzjoni tal-konsumatur hija komponent ewlieni tal-organizzazzjoni tas-suq, l-ewwel nett minħabba l-firxa wiesgħa ta' ħut u frott tal-baħar bħalissa għall-bejgħ fuq l-ixkafef u t-tieni nett għaliex in-nies qed isiru aktar u aktar konxji tal-kwistjonijiet ambjentali u jippretendu li jagħmlu għażliet informati ta' xiri. Dan il-ħut frisk jew iddifrostjat? Fejn inqabad eżattament? Ġie mistad jew prodott b'mod sostenibbli jew innegożjat b'mod ġust? Il-konsumaturi għandhom id-dritt li jiksbu informazzjoni affidabbli dwar x'jixtru mit-tikketta fuq il-prodott.

Finalment, żieda fil-konsum madwar l-UE toffri opportunitajiet ekonomiċi tanġibbli kemm għall-produtturi tal-UE kif ukoll għall-produtturi ta' pajjiżi terzi.

Id-dritt tal-UE li tieħu azzjoni

Skont l-Artikolu 3(1d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Unjoni Ewropea għandha l-kompetenza esklussiva għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar taħt il-PKS. L-Artikolu 4(2d) tat-TFUE jistipula li l-UE għandha kompetenzi konġunti għall-komponenti l-oħra tal-PKS. Dawn id-dispożizzjonijiet jiddeterminaw l-ambitu ta' azzjoni rigward x'jeħtieġ li jiġi indirizzat fuq il-livell tal-UE u xi spazju jibqa' għall-Istati Membri biex jaġixxu. Huma jaffettwaw ukoll l-għamla tal-azzjoni tal-UE f'termini tal-għażla tal-istrument. Il-miżuri tas-suq taħt l-OKS jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 4(2d) tat-TFUE, u għalhekk hija meħtieġa l-ġustifikazzjoni tal-miżuri rigward il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

L-istabbiliment ta' Politika tas-Suq fuq il-livell tal-UE huwa essenzjali biex jinkiseb suq intern tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura u sabiex jiżgura kompetizzjoni ġusta. Taħt il-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Istati Membri u l-operaturi ekonomiċi għandhom igawdu minn grad għoli ta' awtonomija fl-applikazzjoni tal-mekkaniżmi differenti li jappartjenu għall-Politika tas-Suq.

L-interazzjoni mar-riforma tal-PKS

L-għan ewlieni tar-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd huwa li tippromwovi l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' settur ekonomikament vijabbli, li mbagħad għandu jiggwadanja dejjem aktar saħħa mill-ġestjoni tiegħu stess. Sabiex jinkiseb dan il-għan, għandna nibdew billi nġinu lis-settur jorganizza ruħu b'mod aktar effiċjenti.

Il-valutazzjoni tal-impatt tal-PKS ikkonkludiet li, meta jitqiesu l-għanijiet u l-istrumenti l-ġodda tal-PKS, kienet meħtieġa riforma estensiva tal-politika tas-suq: l-istrumenti orjentati lejn is-suq għandhom jikkontribwixxu, direttament jew indirettament, biex jintlaħqu l-għanijiet ewlenin tal-PKS.

Biex tindirizza s-sajd żejjed u l-prassi mhux sostenibbli u tmur lil hinn mill-istrateġiji tal-produzzjoni bbażati biss fuq il-volum, il-politika tas-suq il-ġdida se tappoġġa:

- l-għoti tas-setgħa lil organizzazzjonijiet tal-produtturi u tal-koġestjoni min-naħa tagħhom tad-drittijiet tal-aċċess kif ukoll tal-attivitajiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni;
- miżuri tas-suq li jżidu l-poter tan-negozjar tal-produtturi (fis-sajd u l-akkwakultura) itejbu t-tbassir, il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kriżi tas-suq u jrawmu t-trasparenza fis-suq u l-effiċjenza;
- inċentivi tas-suq u primjums għal prassi sostenibbli; sħubijiet għal produzzjoni, akkwist u konsum sostenibbli; ċertifikazzjoni (l-ekotikketti), promozzjoni, informazzjoni lill-konsumaturi;
- miżuri tas-suq addizzjonali dwar l-iskartar tal-ħut.

Għanijiet

Għal kull waħda mill-ħames oqsma problematiċi ewlenin imsemmija hawn fuq, il-valutazzjoni tal-impatt tiddefinixxi l-għanijiet speċifiċi ta' politika ġdida tas-suq għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura:

- It-titjib fil-livell tal-inċentivi tas-suq bħala appoġġ għall-prassi tal-produzzjoni sostenibbli
- It-titjib tal-pożizzjoni fis-suq tal-produzzjoni tal-UE
- It-titjib tar-rabta bejn il-produzzjoni tal-UE u s-suq tal-UE
- It-tiżiħ tal-potenzjal tas-suq tal-prodotti tal-UE
- L-appoġġ għal governanza aħjar u simplifikazzjoni tal-qafas legali

Alternattivi

Abbażi tal-valutazzjonijiet imwettqa, l-opinjoni tal-partijiet interessati, l-għanijiet speċifiċi definiti u l-għodod ta' politika identifikati, ġew analizzati erba' alternattivi:

- L-Alternattiva 1: ikompli t-tħaddim tal-Organizzazzjoni tas-Suq Komuni attwali għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura;
- L-Alternattiva 2: titwettaq reviżjoni tal-Organizzazzjoni tas-Suq Komuni attwali għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura;
- L-Alternattiva 3: tissaħħaħ il-Politika tas-Suq għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura
- L-Alternattiva 4: titwettaq id-deregolazzjoni tal-Organizzazzjoni tas-Suq Komuni attwali għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura

L-Alternattiva 1 tisser li l-OKS attwali tibqa' l-istess u tibqa' tiffoka prinċipalment fuq l-interventi fis-suq biex jappoġġaw l-istabbiltà tal-prezzijiet (l-irtirar, it-trasferiment 'il quddiem, il-ħżin privat, il-konċezzjoni kumpensatorja għat-tonn), arranġament tariffarju awtonomu (sospensjonijiet u kwoti), l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni (freskezza u daqs) u informazzjoni mandatorja lill-konsumaturi (deżinjazzjoni kummerċjali; metodu ta' produzzjoni: maqbud fil-baħar, maqbud fl-ilma ħelu jew imrobbi; oriġini: żona tal-qbid jew pajjiż tal-oriġini għall-ilma ħelu jew prodotti mrobbija).

L-Alternattiva 2 tnaqqas il-mekkaniżmi tal-intervent għal għajjnuna unika għall-ħżin għall-prodotti tas-sajd destinati għall-konsum mill-bniedem. Titratta l-inkonsistenzi bejn id-daqsijiet minimi għall-ħatt l-art u għall-kummerċjalizzazzjoni. Trendi aktar flessibbli r-reviżjoni tal-kwoti tariffarji u s-sospensjoni awtonoma (kull 3 snin).

L-Alternattiva 3 hija l-istess bħall-Alternattiva 2, iżda tagħti s-setgħa lill-OP u lill-Organizzazzjonijiet Interprofessjonali (IBOs) permezz ta' kompiti addizzjonali u tagħtihom appoġġ finanzjarju biex ifasslu u jimplimentaw pjanijiet sostenibbli għall-produzzjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni. Din l-alternattiva tissimplifika wkoll u tadatta l-ambitu tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni; iddaħħal il-ħarsien tal-konvenzjonijiet internazzjonali għal governanza tas-sajd f'arranġament awtonomu tat-tariffa preferenzjali; tistabbilixxi Osservaturju tas-Suq Ewropew; testendi l-informazzjoni obbligatorja lill-konsumatur u l-ambitu tagħha għall-prodotti kollha (friski, iffriżati, fil-bott, ipproċessat). Tipprovdi qafas għall-iżgurar tal-preċiżjoni u l-kontroll ta' tikkettar volontarju.

L-Alternattiva 4: Ebda OKS. Din l-alternattiva trażżan l-appoġġ finanzjarju kollu (l-intervent u l-appoġġ għal azzjonijiet kollettivi) u kwalunkwe strument legali speċifiku għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura. Ebda kundizzjoni minn qabel għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura importati.

L-evalwazzjoni tal-alternattivi

Sostenibbiltà ambjentali

L-Alternattiva 1 tibqa' ffukata fuq il-ġestjoni tal-mekkaniżmi tal-intervent; hija la tagħti s-setgħa lill-OP li jimmaniġġjaw l-attivitajiet tas-sajd tagħhom b'mod sostenibbli u lanqas ma tiżgura li l-attivitajiet tal-akkwakultura huma mwettqa b'mod sostenibbli.

It-twaqqif tal-ġhajjnuna għall-irtirar fl-Alternattiva 2 se jkollu impatt dirett pjuttost limitat, minħabba l-volumi żgħar ikkonċernati minn irtirar fi snin riċenti. Madankollu xorta tibgħat messaġġ politiku qawwi li hija meħtieġa antiċipazzjoni akbar tad-domanda fis-suq u tal-postijiet tal-bejgħ.

L-Alternattiva 3: l-ġhoti tas-setgħa lill-OP b'ġestjoni, monitoraġġ u kontroll kollettivi tal-opportunitajiet tas-sajd allokatu mill-Istati Membri (inklużi drittijiet individwali għas-sajd u l-isforzi tas-sajd tal-membri tagħhom stess) għandu jtejjeb b'mod sinifikanti s-sostenibbiltà tas-settur tas-sajd tal-UE. L-aċċess għall-konsumaturi għal informazzjoni aktar preċiża dwar il-prodotti kollha, tkun xi tkun il-preżentazzjoni tagħhom se jestendi b'mod konsiderevoli l-għarfien dwar il-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura. Dan se jgħin lill-konsumaturi biex jagħmlu għażliet infurmati aħjar, u fl-aħħar mill-aħħar se jappoġġa l-konsum responsabbli.

In-nuqqas ta' appoġġ għall-OP fl-Alternattiva 4 taffettwa negattivament il-koordinazzjoni tagħhom fl-implimentazzjoni ta' prassi tas-sajd sostenibbli. Hija tillimita wkoll l-isforzi tal-ġestjoni mwettqa bħalissa mill-OP. Għalkemm fl-UE qed jiżdiedu l-inizjattivi privati lejn l-akkwist u l-konsum sostenibbli, dan l-iżvilupp għad tas-suq għad irid jikber u għad irid jibni il-kredibbiltà u l-kunfidenza tiegħu.

Sostenibbiltà ekonomika

Skont l-Alternattiva 1, il-valur miżjud tal-OP huwa destinat li jibqa' limitat għall-possibbiltà li jibbenefikaw minn mekkaniżmi tal-intervent. L-OP x'aktarx li ma jipprovdux servizzi addizzjonali lill-membri tagħhom, speċjalment biex ikun hemm konnessjoni aħjar bejn il-produzzjoni tagħhom u l-ħtiġijiet tas-suq u biex jiżdied il-valur tal-prodotti tagħhom.

F'termini tal-impatt tal-Alternattiva 2 fuq il-prezz tal-ewwel bejgħ, il-produtturi x'aktarx se jibqgħu ir-riċevituri tal-prezzijiet sakemm jitgħallmu jpoġġu l-provvista tagħhom fi gruppi b'mod effiċjenti u jippromwovu aħjar il-prodotti tagħhom.

Rigward l-Alternattiva 3, il-valutazzjoni komparattiva mas-settur tal-frott u tal-ħaxix turi korrelazzjoni ċara bejn il-livell tal-istrutturar tal-produzzjoni, l-istabbiltà tal-prezzijiet u l-valur miżjud. L-ippjanar u l-konċentrazzjoni tal-provvista għandu għalhekk iwassal għal stabbiltà akbar tal-prezz tal-ewwel bejgħ. Għarfien tas-suq adegwat għandu jsaħħaħ il-pożizzjoni fis-suq u l-ħila li wieħed ibassar ix-xejriet jew il-kriżijiet tas-suq. Iż-żieda fis-setgħa tan-negozjar tal-produtturi għandha twassal għal distribuzzjoni b'valur miżjud aktar bilanċjata. Aktar informazzjoni preċiża għall-konsumatur dwar l-orijini (pereżempju dwar l-istokk, is-subżona tal-FAO, l-ispace marittimi definiti bħall-Bajja ta' Biscay, il-Kanal Ingliż, eċċ.) se tappoġġa x-xiri lokali u tiffoka fuq il-konsum sostenibbli. Flotot fuq skala żgħira jkun jistgħu jikkummerċjalizzaw aħjar il-produzzjoni tagħhom; u l-fiduċja tal-konsumatur terġa' tinkiseb lura jew tiġi kkonfermata. L-estensjoni tar-rekwiżiti tal-

informazzjoni għal prodotti pproċessati għandha wkoll tissodisfa l-aspettattivi tal-konsumatur u tgħin tipprevjeni l-frodi.

L-eliminazzjoni tal-istrumenti tal-Politika tas-Suq bħal fl-Alternattiva 4 tneħħi kwalunkwe inċentiv għall-istrutturar tas-settur. Dan idgħajef is-setgħa ta' negozjar tal-produtturi u jillimita l-ħila tagħhom li jadattaw il-provvista għad-domanda (provvista atomizzata, nuqqas ta' koordinazzjoni bejn il-produtturi). L-informazzjoni lill-konsumaturi fuq bażi volontarja hija alternattiva fattibbli, meta jitqiesu l-impenji tal-operaturi lejn il-produzzjoni sostenibbli. Madankollu mhux se jintlaħaq l-għan li l-konsumaturi tal-UE jkunu infurmati aħjar u li jittejjeb l-għarfien tagħhom dwar il-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura. Ġew osservati każijiet li fihom il-konsumaturi ġew żgwidati jew konfusi minn allegazzjonijiet foloz ta' azzjoni favur l-ambjent, u dan ixfejjen kwalunkwe attentat li terġa' tinkiseb lura r-reputazzjoni tajba tas-settur.

Sostenibbiltà soċjali

Fl-Alternattivi 1 u 2, l-effetti fuq id-dħul se jibqgħu limitati ħafna, minn naħa għax jikkonċernaw biss każijiet fejn għandhom jiġu evitati waqgħat fil-prezz, u min-naħa l-oħra minħabba li l-intensità tal-għajnuna hija baxxa ħafna (0.2 % tal-valur tal-produzzjoni tal-UE).

Fl-Alternattiva 3, l-istrutturar imtejjeb min-naħa tal-produzzjoni huwa mistenni li jtejjeb l-antiċipazzjoni tal-kriżi u li jkabbar il-valur miżjud permezz tad-diversifikazzjoni tal-istrateġiji tal-kummerċjalizzazzjoni. Dan għandu jħares il-livelli tal-impjigi u tad-dħul.

Fl-Alternattiva 4, it-tneħħija tal-istrumenti tas-suq x'aktarx ikollha impatt fuq xi setturi (l-industrija tal-mili fil-laned ta' speċijiet pelaġiċi żgħar) li jistgħu jirrilokaw barra mill-UE. F'dawn il-każijiet, l-impatt fuq l-impjigi u d-dħul jista' jkun sostanzjali fuq skala lokali.

Paragun tal-alternattivi

Abbażi tal-impatti vvalutati u r-riskji identifikati, l-alternattivi jitqabblu vis-à-vis ix-xenarju bażi (status quo) f'termini tal-effikaċja u l-effiċjenza fir-rigward tal-għanijiet u f'termini ta' koerenza mal-għanijiet ġenerali tal-UE (jiġifieri l-għanijiet tal-PKS iżda wkoll kwistjonijiet multisettorjali oħra). Dan jista' jitqassar kif ġej:

L-Alternattiva 1, jew l-istatus quo, ġiet evalwata fid-dettall u kienet iġġudikata parzjalment ineffiċjenti u kumplessa wisq biex tissodisfa l-għanijiet attwali tagħha. S'issa l-enfasi prinċipali tal-OKS kien fuq l-istabbiltà tal-prezzijiet permezz tal-intervent tas-suq. Irriżulta li din kellha impatt żgħir u prestazzjoni baxxa; indirizzat is-sintomi aktar milli l-kawżi reali, baġtet sinjali politiċi ħżiena u ħalliet lill-operaturi bi ftit jew ebda responsabbiltà. Illum, 12-il sena wara l-adozzjoni tagħha, l-OKS attwali tidher bħala mhux adattata għall-isfidi tas-suq tal-UE. Se tirriżulta aktar ineffettiva fil-PKS riformata, u possibbilment inkonsistenti mal-għanijiet sottostanti tal-PKS.

L-Alternattiva 2 għandha l-għan li tikkoreġi n-nuqqasijiet ewlenin tal-OKS eżistenti billi ttipponi aġġustamenti u simplifikazzjonijiet li għandhom itejbu l-funzjonament tagħha. Ir-rilevanza għall-għanijiet ewlenin tar-riforma tal-PKS tibqa' madankollu diskutibbli.

L-Alternattiva 4 tneħħi għalkollox il-Politika tas-Suq tal-UE. Huwa veru li żdiedu l-iżviluppi u l-inċentivi xprunati mis-suq lejn is-sostenibbiltà; l-impenji mill-proċessuri u l-

bejjiegħa lill-konsumatur, flimkien ma' pressjoni akbar minn NGOs u s-soċjetà ċivili biex jinkisbu prodotti sostenibbli, għandhom iqarrbuna lejn l-għanijiet ambjentali tagħna. Xorta waħda, il-problemi prinċipali identifikati, l-aktar is-settur kumpless u frammentat tal-provvista tal-UE u r-riskji li l-informazzjoni għall-konsumatur tiżgwida jew tikkonfondi lill-konsumatur, jkunu indirizzati biss parzjalment. Fil-fatt, l-industrija se tingħata aktar responsabbiltà biex timmaniġġa l-attivitajiet tagħha, iżda n-nuqqas ta' appoġġ għall-istrutturar tal-produzzjoni tagħha u l-miżuri tas-suq li jakkumpanjaw din l-istruttura jikkontradixxu l-għan tar-riforma li tappoġġa strumenti bbażati fuq is-suq (minflok miżuri strutturali li jqumu ħafna flus) u jgħinu lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi jtejbju l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tagħhom.

L-Alternattiva 3 tipproponi li tissaħħaħ il-Politika tas-Suq sabiex takkumpanja lis-settur tas-sajd u l-akkwakultura filwaqt li tersaq lejn prassi sostenibbli ta' produzzjoni. Jista' jsir ħafna f'termini ta' organizzazzjoni u kummerċjalizzazzjoni biex tiżdied il-prevedibbiltà tal-provvista u jitnaqqsu l-kosti tat-tranżazzjonijiet. Din l-alternattiva tenfasizza r-rwol ta' kull parti interessata ewlenija fil-preferenza ta' prassi sostenibbli.

Taħt din l-alternattiva, l-istruttura u l-għan ta' Politika ġdida tas-Suq ikunu usa' u aktar kuraġġużi:

- Bosta għodod, partikolarment il-mekkaniżmi tal-interventi tas-suq, jiġu abbandunati. Dan jimplika messaggġ politiku qawwi u simplifikazzjoni enormi.
- Xi elementi, bħall-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni u l-politika tariffarja awtonoma, jibqgħu iżda b'aktar flessibilità; huma introdotti għanijiet addizzjonali (biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' bejgħ mill-bogħod jew elettroniku, kundizzjonijiet ekwi, eċċ).
- Huma enfasizzati elementi oħrajn: is-settur huwa organizzat mill-ġdid b'iffokar aktar b'saħħtu fuq il-ħila tal-produtturi biex jimmaniġġaw il-produzzjoni tagħhom u l-prodotti tagħhom fis-suq; hija prevista għajnuna unika għall-ħżin simplifikata (prodotti biex ikunu maħżuna, ipproċessati u mdaħħlin mill-ġdid fis-suq), l-informazzjoni lill-konsumaturi hija konsiderevolment estiża fl-ambitu u fil-kontenut.
- Element wieħed ġdid huwa l-osservaturju tas-suq tal-UE.

Il-valutazzjoni tal-impatt tar-riforma tal-PKS ikkonkludiet li hija meħtieġa riforma mill-qiegħ tal-Politika tas-Suq, waħda li għandha tinforza r-rwol tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u interprofessjonali u l-miżuri tal-kummerċjalizzazzjoni b'mod ġenerali. Dan se jikkontribwixxi lejn l-għanijiet tar-riforma ta' sostenibbiltà ekonomika filwaqt li jgħin ukoll lis-sostenibbiltà ambjentali. Il-Politika tas-Suq għandha torjenta lejn l-attivitajiet tal-produzzjoni għal żoni fejn il-kundizzjonijiet tas-suq huma tajba u fejn hemm suq għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

Il-Politika tas-Suq għandha tgħin biex jiżdied il-valur miżjud tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura f'kuntest fejn l-appoġġ finanzjarju jitbiegħed mill-flotta (speċjalment l-iskrappjar u l-waqfien temporanju), favur soluzzjonijiet intelliġenti, ekoloġiċi, innovattivi u orjentati lejn is-suq għas-settur tas-sajd u l-akkwakultura. Aktar speċifikament, xi aspetti

tar-riforma tas-suq għandhom jakkumpanjaw u jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-PKS il-ġdida:

- Tingħata s-setgħa lill-OP biex jiżguraw il-ġestjoni, l-infurzar u l-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd tal-membri tagħhom.
- L-ishma trasferibbli tas-sajd ibbażati fuq is-suq (TFSs) jippermettu lill-industrija tas-sajd biex taġġusta l-kapaċità tal-flotta għar-riżorsi tal-baħar disponibbli mingħajr il-ħtieġa għall-intervent pubbliku; l-OP jistgħu ikunu responsabbli biex jimmaniġġaw it-TFSs b'mod kollettiv.
- Il-miżuri tas-suq li jakkumpanjaw politika attiva għall-ħatt l-art obbligatorju tal-qabdiet kollha għall-istokkijiet suġġetti għal limiti tal-qbid għandhom ikunu definiti bir-reqqa u jistgħu jiġu implimentati mill-OP.
- Jingħata valur għal attivitajiet ta' produzzjoni aktar selettivi u sostenibbli u jkun hemm moviment 'il bogħod minn strateġija msejsa fuq il-volum bi ppjanar tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni mtejjeb mill-OP u bil-konsumaturi tal-UE jkollhom rwol aktar attiv meta jkunu f'pożizzjoni li jagħmlu għażla infurmata.

Il-varjazzjonijiet fl-impatti tat-tqassim bejn iż-żoni jew ir-reġjuni huma limitati ħafna minħabba aċċess uniformi bis-sħiħ tal-OP għal strumenti finanzjarji u r-regoli kollha.

Firxa wiesgħa ta' partijiet interessati se jibbenefikaw ħafna bl-Alternattiva 3. Ir-responsabbiltajiet u r-riżorsi akbar tal-OP se jipprovdu opportunitajiet ġodda ta' negozju lill-produtturi tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, li se jsibu s-sħubija aktar attraenti. Il-politika tariffarja ġdida se ttejjeb il-prevedibbiltà tal-provvista tal-materja prima u dan se jippermetti lill-proċessuri biex ibassru aħjar l-attivitajiet tagħhom. Is-settur kollu se jiġi kkoordinat aħjar u mħeġġeġ biex ivara inizjattivi ta' interess komuni, b'mod partikolari għall-promozzjoni tas-sajd sostenibbli. Il-konsumaturi se jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati aħjar permezz ta' tikkettar imtejjeb u aktar preċiż tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura. Fl-aħħar nett, is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis fil-piż amministrattiv se jkollhom impatt pożittiv fuq il-Kummissjoni, l-Amministrazzjonijiet tal-Istati Membri u l-operaturi ekonomiċi.

Fid-dawl tal-analiżi tal-impatt DĠ MARE jappoġġja l-Alternattiva 3 biex tistabbilixxi Politika tas-Suq imsaħħa għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura.